Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 13/2016

Data: 19 ta' April 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| | ***John Debono*** | *Kunsillier* |
| | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |

Skużati:
Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart Tas-Sena Ott-Dic 2015
6. Approvazzjoni ta' Full Budget 2016;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Affarijiet Ohra;
9. Aġġornament.

## Minuti - 13/2016

Kulhadd kien prezenti u fil-hin.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sur RC qajjem punt fuq il-parking bays ta' Triq Tursin ir-Rih u s-sigar li gew mizrugha fl-istess triq. Hu rega' tenna li s-sigar mhux posthom hemm ghax jew isiru konok kif suppost fil-bankina u l-bankina spiza enormi biex issir jew jinzerghu xi *creepers* li ma joholqux ostakolu.

# 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lill-kulhadd li fi Gnien il-Palma saru arrangamenti mal-kuntrattur u l-haddiema tal-Kunsill sabiex issir kurduna u tinzergha *hedge* gdida kull pied. Ix-xoghol se jsir mill-haddiema tal-Kunsill ix-xahar li gej.

**3.2** Qal ukoll li l-Kunsill gie kkuntatjat mill-Ministeru tat-Turizmu rigward il-Latrini Pubblici u li dawn aktarx johduhom f'idejhom u jsiru bi hlas, haga li hu qal mhix etika ghar-residenti ta' H'Attard. Fl-opinjoni tieghu il-Kunsill m'ghandux jaccetta li jigu bi hlas. Gie wkoll mistoqsi jekk il-bini hux se jibqa' tal-Kunsill jew isir taghhom u dana minhabba li l-Kunsill ghadu kemm nefaq €5,000 fuqhom. Dan kollu ghandu jigi diskuss mal-kumpanija li se tikkuntattja l-Kunsill fil-granet li gejjin sabiex ma jkunx hemm dizgwidi.

**3.3** Is-Sur SC nforma l-Kunsill li kellu laqgha fl-Ufficcju tal-Onorevoli Buontempo mas-Sur Cohen u s-Sur Tony Attard rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-Attivitajiet Kulturali 2016. Hu qal li l-Kunsill mhux sa jibbenefika minn fondi din is-sena u dana ghaliex huma qed jistennew li l-Kunsill johrog b'iktar idejat ta' *re-anactment* relatati mal-istorja ta' H'Attard iktar milli storja ta' Malta in generali. Hu heggeg lill-Kunsilliera jibdew jahsbu fuq temi ta' x'jista' jsir ghall-applikazzjoni attivitajiet kulturali 2017. Is-Sinjura CS qalet li hemm grupp The Battlefield u vera tajjeb u ta min jikkunsidrah.

**3.4** Is-Sur SC semma wkoll l-Ufficcini tal-Kunsill. Qal li l-amministraturi tal-post kellhom laqgha mal-Onorevoli Deborah Schembri sabiex il-Futbol Club jinghata t-titlu tal-art u jkunu jistghu jikru. Il-Perit tal-Kunsill hejja l-pjanta ta' kif se jkun imqassam il-post sabiex tigi prezentata waqt il-laqgha.

**3.5** Is-Sur Cordina ressaq Mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill rigward l-avvenimenti li sehhew waqt l-attivita' Lost and Found. Hu spjega li wara li kien hemm laqghat mal-amministraturi u bosta persuni ohra ta' Lost and Found u kien kollox miftiehem fejn ha joqghodu l-Hawkers imma minn dak kollu miftiehem ma mmaterjalizza xejn. Anzi inharget ittra mill-Malta Enterprise lill-bejjiegh iehor u wara li nhareg il-permess mill-Kunsill din xorta ma thallietx tarma. Barra li hu gie kkuntatjat bla waqfien kull hin u kull mument tal-attivita', il-Pulizija baghtet e-mail lis-Segretarja tal-Kunsill fejn qalet li tinsab ferm iddizappuntata li l-istruzzjonijiet moghtija minnhom ma gewx ezegwiti u li l-Pulizija skond l-A. C. Neville Aquilina giet mghoddija passata xalata minn kulhadd. Kien ghalhekk li wara li nqrat il-Mozzjoni, minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija l-Kunsill qed jiddeciedi li mhux sa jinhargu iktar permessi fl-area tan-Numero Uno amministrata mill-Malta Enterprise. Hu talab li b'turija tal-idejn issir votazzjoni. Il-votazzjoni kienet hekk:

Favur 9 Kontra 0 Astenzjonijiet 0. Mozzjoni ghaddiet.

## 4. Korrispondenza

**4.1** E-mail li ntbaghtet lill-Kunsilliera fuq *Public Speaking Course*. Is-Segretarja tal-Kunsill qalet li jistghu jigu sponsorjati courses imma li ahjar ticcekkja mad-Dipartiment l-ewwel. Is-Sur RC qal li sa fejn jaf hu l-Kunsilliera ma jistghux jiehdu iktar mill-allowance mghotija lilhom imma taghmel sew li ticcekkja.

**4.2** Is-Sur SC talab sospensjoni biex jitkellem is-Sur Gerald Borg. Is-Sur Borg qal li saret talba ghall-yellow line fit-triq tieghu u li din it-talba saret purament bi sfida biex ma jipparkjawx certu nies fosthom hu, ghax l-entratura tal-garaxx wiesgha bizzejjed u hemm bizzejjed

spazju biex tidhol u tohrog karozza. Qal ukoll li dan il-garaxx rari jintuza allura iktar u iktar. Is-Sur SC qal li se tintbaghat talba lill-TM u jsir ix-xoghol skond l-approvazzjoni taghhom.

**4.3** Ittra minghand La Stella Levantina rigward attivita' li se ssir nhar it-8 ta' Gunju fil-Pjazza tal-Knisja fejn sa jsir BBQ kif ukoll serata muzikali. Il-Kunsill qabel li tinghata No Objection Letter bil-kundizzjoni li l-volum tal-muzika jrid jitbaxxa sal-11pm.

**4.4** E-mail minghand Marthese Baldacchino rigward fondi tal-MEPA li jammontaw ghall-€79,906.35.

**4.5** Notifika mill-MEPA fuq applikazzjoni minn Brian Cardona sabiex jitpogga bin tal-hwejjeg hdejn l-iskola.

**4.6** E-mails minghand l-MMOC u l-MAAA rigward ir-races li sa jsiru f'Settembru li gej. L-MMOC offriet li torganizza r-races hi bil-kundizzjoni li l-Kunsill ihallas l-permess it-trophies, mobile toilets u skips. Is-Segretarju Ezekuttiv ma qablitx li l-Kunsill jassorbi dawn l-ispejjez meta ilha snin tikkumbatti biex tnaqqas l-ispejjez u fi Frar li ghadda r-race giet organizzata mill-Kunsill u u-Kunsill hareg *break even*. Ghandha tintbaghat risposta f'dan is-sens.

**4.7** E-mail rigward il-korsijiet tal-4Kids. Is-Sur SC qal li hemm bzonn il-Kunsill ifittex organizzaturi ohrajn u l-Kunsill qabel li jingab riklam fil-gazzetta. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret biss li l-Kamra prezenti tal-Kunsill hi mghammra b'10 kompjuters moderni li huma propjeta' tat-TCTC u li jekk ha jinstab organizzatur differenti irid jipprovdi kompjuters hu.

**4.8** E-mail minghand l-Assistent Kummissarju Martin Sammut rigward l-Petizzjoni tal-Istorbju li ggib riferenza 02/16 li l-Pulizija qed tahdem bi shih fuqha sabiex ittaffi l-inkonvenjent lir-residenti.

**4.9** E-mail rigward fondi ERDF Priority Axis 4 and 5. Ha jsir appuntament ma' Gabby Mallia, Eman Vella ta' Atriga u l-Perit Edward Said nhar il-Gimgha, 22 t'April fid-9am sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-applikazzjoni ghall-fondi Ewropej.

## 5. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart Tas-Sena Ott-Dic 2015

**5.1** Approvat

Is-Sur RC halla l-kamra f' dan il-waqt.

## 6. Approvazzjoni ta' Full Budget 2016

**6.1** Approvat

## 7. Approvazzjoni ta' Pagamenti

**7.1** Approvati barra l-pagament dovut lis-Sur Owen Borg minhabba li hemm xi problemi bix-xoghol li ha jitqajjmu taht affarijiet ohra.

## 8. Affarijiet Ohra

**8.1** Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Ressaq rapport fuq tfiegh ta' terrapin u haxix hazin biswit l-Isptar Monte Carmeli

**8.2** Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Qal li l-haxix li nqata' minn Triq Hannibal mill-kuntrattur Owen Borg, is-Sibt li ghada kien ghadu ma ngabarx. Is-Sur SC qal li ilu diversi drabi jigri wara l-kuntrattur sabiex jaghmel xoghol regolari. Gieli sahansitra kellu jqabbad lill-haddiehor biex jitnehha materjal mitfuqgh li jdum biex jitnehha. Dan apparti li ma jhossx li ghandu joqghod jirraporta kull darba l-kuntrattur biex dan jaqta' l-haxix. Gie deciz li tinhareg *default notice.*
- Fakkar fuq il-hajt ta' Wied Irmiedi. Is-SE qalet li l-ahhar li tkellmet fuqu kienet m'Alex Borg tal-Valley Rehabilitation Unit. Se tipprova terga' tikkuntatjah.

**8.3** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Qalet li kellimha s-Sur Joe Borg fuq ir-restawr tal-arlogg ta' dar privata quddiem il-Knisja.
- Li kellha lment fuq l-ikel waqt l-ahhar attivita' tal-anzjani. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li kellha nformazzjoni li kollox kien sew. Is-Sur SC qal li l-ikel dejjem tajjeb kien u ma jafx ghalfejn dawn l-ilmenti qed jinqalghu issa u minn min.

**8.4** Is-Sinjura Marisa Abela ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex jintbaghat ilment fuq *rodent control* fi Triq Oliver Agius

Is-Sur Alex Mangion ressaq dawn il-punti:

**8.5**
- Talab biex issir sorveljanza minhabba abbuz ta' droga f'xi postijiet specjalment Gonna Pubblici.

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

**8.6**
- Talab biex isir maintenance fuq il-*Traffic Lights* ta' hdejn Mazars fi Triq iz-Zaghfran.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ftuh tat-tenders sa jsir dakinhar li jaghlqu fit-22 t'April 2016 fl-10am.

## 9. Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għad-26 t'April fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Stefan Cordina*** | ***Marica Mifsud*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 31 ta' Mejju 2016